**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2019**

**Rikors nru: 328/2019 AGV**
**AB (ID nru:198279M) u CB (ID nru:62881M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt ta' AB u CB tal- 15 ta' Lulju 2019, fejn ppermettew u pprezentaw is-segwenti;

Illi l-partijiet izzewwgu fis- 6 ta' Awwissu 2010, kif jirrizulta konfermat mill-anness certifikat taz-zwieg Dok A, u minn daz-zwieg kellhom zewg ulied, D u E, it-tnejn maggorenni;

Illi l-istess rikorrenti isseperaw konseswalment permezz ta' kuntratt ppubblikat min-Nutar Ann Bella Bugeja fil- 15 ta' Novembru 2017 ( Dok B).

Illi l-manteniment pagabbli minn AB skont il-kuntratt tas-seperazzjoni konseswali qieghed jithallas regolarment u ma hemmx arretrati dovuti jew pendenti ohra bejn il-partijiet.

Illi l-partijiet jghixu ' l boghod minn xulxin, u ilhom hekk jghixu sa minn ferm qabel Novembru 2017. Infatti kif jirrizulta konfermat mill-anness Dok C , huma ilhom jghixu' l boghod minn xulxin almenu mil- 10 ta' Lulju 2015, meta r-rikorrenti AB kien gja abbaduna id-dar konjugali.

Illi ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi z-zewg rikorrenti jafu b' dawn il-fatti personalment kif jirrizulta konfermat mill-annessi affidavits mmarkati Dok D u E.

Illi dal-datti jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-divorzju skont l-artikolu 66 N tal-Kap. 16;

Ghaldaqstnt, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti jitlobu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniethom.
2. Tordna lir-registratur sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan il-pronunzjament tad-divorzju jigi registrat fir-registru pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

**IKKUNSIDRAT;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**